Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 61
# It-Tnejn 28 ta'Awissu 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 18:00 sa Tmiem is-seduta 18:30>
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier <Dahal 17:40 Telaq 18:30>
Lino Bartolo – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

61.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet familjari.

61.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

61.1.03 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

61.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 60 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

61.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 43/2017 <dc 61/3/1> dwar attivitajiet tal-Gimgha Ewropea tal-Mobilita' li se tinzamm bejn is-16 u t-22 ta' Settembru. Spjegat fid-dettal din ic-cirkulari fejn gie mitlub li l-kunsill jikkunsidra li jippartecipa ghall- kompetizzjoni miftuha ghall-Kunsilli Lokali.

61.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza PA/05532/17 <dc 61/3/2> fejn gharrfet lill-kunsill li l-applikazzjoni ghall-Belvedere tas-Swatar fuq il-wied giet approvata mill-MEPA.

..

61.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari DLG 21/2017 <dc 61/3/3> dwar Inizjattiva ta' restawr ta' postijiet storici 2017. Hi spjegat li jekk il-Kunsill ikun jista' jerga japplika, ghanda tigi proposta l-Ghajn tal-Hasselin.
Il-Kunsill qabel unanimament

61.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 61/3/4> u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li saret petizzjoni minn residenti ta' Triq D'Argens, lill-Ministeru ta' Trasport, Infrastrututura u Progetti Kapitali, biex tigi installata Speed Camera.
Is-Sur Maurice Agius qal li jaf biha ghax jaqbel u ffirmaha.

61.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 61/3/5> u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li I-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali biex il-postijiet ta' Alex Sciberras u Alan Abela Wadge ma jigux iddikjarati vakanti.

61.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza minghand Domenic Vella ghall-Transport Malta <dc 61/3/6> dwar permessi ghal U Bars u Bollards.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li l-Kunsill Lokali xorta jrid approvazzjoni minn Trasport Malta biex iwahhal U bars u Bollards u spjega li, kif qed tghid il-korrispondenza, jekk kemm-il darba jsehh accident u l-Kunsill jigi mharrek, u jkun maghruf li ma hemmx approvazzjoni minn TM, din tkun illegali, ghalekk, talab laqgha mas-Sur Vella biex jigu ddentifikati liema huma approvati u biex jigu regoralizzati dawk li ma humiex.

61.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza minghand ir-Regjun Centru <dc 61/3/7> dwar Inizjattiva finanzjarja Financial Initiative Tarmac of roads which fall under LC's responsibility fejn gejna infurmati biex, sakemm l-Evaluation board jiehu decizzjoni, il-kunsill ma jistax jibda x-xoghol fuq Triq Nazju Falzon.

61.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari DLG 20/2017 <dc 61/3/8> ghar-registrazzjoni skont l-att dwar Taxxa fuq valur mizjud biex is-Segretarju Ezekuttiv jassigura li l-awtorita' lokali tosserva dejjem il-ligi.

61.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Insallation of Bicycle racks within our towns and villages <dc 61/3/9> u spjegat li din l-inizjattiva ghada miftuha u talbet biex il-Kunsilliera johorgu bis-suggerimenti taghhom halli napplikaw.
Il-kunsilliera prezenti semmew diversi postijiet u s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella talab biex dawn jaslu ghandu bil-miktub sad-19 ta' Settembru biex ikunu jistghu jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

61.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda email dwar il-gnien ta' Triq l-Irmigg minghand il-Perit Robert Fenech <dc 61/3/10> fejn spjegat li ghamlet laqgha mieghu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u gie diskuss x'fadal isir muri fil-lista biex dan ikun lest minn kollox qabel ma jghaddi f'idejn il-Kunsill Lokali.

61.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza minghand is-Sinjura Astrid Cachia <dc 61/3/11> fejn qed titlob biex jitnehha parkegg ghax qed jaghmila difficli biex tidhol fil-garaxx u li dan qed jintuza biex carers u membri tal-familja Portelli jkunu jistghu jipparkjaw il-vettura taghhom meta jigu jiehdu hsieb lis-sur Portelli li huwa bed ridden.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-kaz huwa genwin u spjega li mar fuq il-post hafna drabi u prova jara kif jista' jsalva l-parkegg, izda jidher car li vettura tidhol fil-garaxx b'diffikulta' u ta parir li dan ghandu jitnehha.

Is-Sur Maurice Agius qal li jaf lis-sur Portelli u jaqbel ma' li qal is-Segretarju Ezekuttiv dwar il-kaz.
Il-Kunsilliera prezenti approvaw unanimament it-talba tas-sinjura Astrid Cachia.

61.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 61/3/12> u gharrfet lill-Kunsilliera prezenti dwar numru ta'artikli li dehru fil-gazzetti dwar l-armar tan-nar mitluq fil-gnien ta' wara Misrah San Guzepp u tat spjegazzjoni ta' dak li gara.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega fid-dettal lill-kunsilliera prezenti dwar l-armar tan-nar u li jhallu kollox hemm ghal gimghat shah. Kien hemm min ilmenta fuq il-gazzetta The Times of Malta u dawn cemplu lis-Segretarju Ezekuttiv li qalilhom li dawn ga avzajnihom biex inehhu l-affarijiet u jnaddfu. Filwaqt li l-ghaqda tan-nar damet biex tizbarazza bil-kumdita' taghha, hargu zewgt artikli fuq The Times of Malta u gew xi mistoqsijiet minn First Malta fejn is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb ghalihom u kkonferma li dan il-gnien gie sbarazzat u li ser tittiehed decizzjoni biex din is-sitwazzjoni ma tirrepetiex ruhha.

Il-Kunsill iddiskuta dwar dak li ghandu jsir biex dan ma jergax jigri u dwar min johrog dan il-permess.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ta parir li ghanda ssir laqgha fl-immedjat biex dan u affarijiet ohra jigu diskussi mal-Assistent Kummissarju A Mamo.

Il-Kunsilliera qabblu u talbu lis-Segretarju Ezekuttiv jirranga ghal din il-laqgha.

61.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja tal-ittra li ntbghatet lill-Kappillan <dc 61/3/13> dwar nuqqas li jigu provduti siggijiet ghal mistiedna ufficcjali u kif jixraq skond il-protokol.

61.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja tal-ittra li ntbghatet lis-Segretarju tal-kumitat tal-Klabb tal-Bocci <dc 61/3/14> dwar nuqqas ta' osservanza ghall-permessi mahruga biex issir it-tombla fi gnien pubbliku.

61.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza Case No 408/2017- Diffikultajiet Finanzjarji Kunsill Lokali <dc 61/3/15> u spjegat li s-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali u Komunitajiet, stieden lill-Kunsilli Lokali biex jissottomettu informazzjoni dwar x'inhuma d-diffikultajiet li qed ixekklu lill-kunsilli lokali milli jaqdu l-funzjoni taghhom.

Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu li l-akbar problema hija dik ta' abbuzi fuq l-Iskart fejn jidhol infurzar u numru ta' granet biex isir il-knis.

Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghat spjegazzjoni ddettaljata dwar x' hemm bzonn isir biex dawn id-diffikultajiet jigu rrangati.

61.3.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghandu bosta kontijiet miftuha fil-bank li ma jintuzawx u fl-opinjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u l-accountant hemm bzonn li jinghalqu.
Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu li dawk la ma hemmx bzonn ghandhom jinghalqu.

## 61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

61.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba minghand is-Sur Matthew Pace, sid l-Uncle Matts Kitchen, biex jinstalla big screen temporanju fil-weekends, bejn is-sebgha ta' filghaxija u nofsilejl, biex johloq atmosfera tal-football. Dan gie mgharraf bl-approvazjoni-decizzjoni tal-kunsill.

Is-sur Maurice Agius staqsa dwar kif se jithallas il-permess.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li dan ghad irid jiccekkjah.

61.4.02 Is-Sur Emanuel Brincat ikkonferma li Triq Sta Venera trid tigi One Way l'isfel.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li kellha laqgha ma xi residenti tat-triq li talbu biex din terga tigi One way kif kienet u jekk tistax ssir anke Triq il-Harrub.

Il-Kunsill iddiskuta u gie deciz li jergaw jehlu t-tabelli u jigu avzati r-residenti ta' Triq Sta Venera.

61.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi qal li ra r-rapport li sar mill-AKL u fahhar il-bicca xoghol tajba li saret fid-dokumenti proposti Tables and chairs u Gbir u mmaniggjar ta' l-Iskart. Miżjuda:<riċiklaġġ>
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li baghtet il-kummenti taghha dwar l-imwejjed barra u l-gbir tal-iskart.
Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn isir xi haga dwar il-borza <ta'riċiklaġġ> li mhux suppost tingabar fil-gurnata, u tkun thalliet barra, biex din tkun tista' tingabar u mhux tibqa' hemm ghal granet.

61.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li bghatna kopja ta' Cirkulari AKL 42/2017 dwar Kollaborazzjoni mal-kummissjoni kontra l-Vjolenza domestika lil Alex Sciberras biex jghaddiha lill-ohtu .

61.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il- bicycle rack li ma hemmx access ghaliha biex timxi x'imkien iehor. Inghataw struzzjonijiet lill-haddiema biex din tinqala' u timxi quddiem l-ghassa tal-pulizija izda jidher li din hija mwahhla sew u fil-fond u trid tingieb bicca ghodda biex din tkun tista' tinqala'.

61.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li, dwar is-sejha ghall-kampanja Lets do it , Camilla Applegrn, giet mgharrfa li l-Kunsill se jippartecipa u s-Segretarju Ezekuttiv se jitlob lill-ghaqdiet biex jigu voluntiera.

61.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li, dwar AKL 49/2017, attivita' BBQ, ma gie hadd mill-Kunsilliera biex jinkiteb. Gejna nfurmati mill-AKL li din l-attivita' thassret ghax ma lahqitx il-kwota mistennija.

61.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li, dwar Traffic Management ghal Triq San Lwigi, twahhlu s-sinjali mehtiega u li ntbghatet l-ittra biex tgharraf lir-resident tal-istess toroq msejha ghal-laqgha pubblika. Sar ukoll avviz fuq il-Gazetta tal-Gvern tal-Gimgha 25 ta' Awissu 2017. Ufficcjali mit-Transport Malta gew mitluba jkunu fuq il-post ghal xi granet bejn it-28 ta'Awwissu u l-1 ta' Settembru u bejn il-25 u d-29 ta' Settembru meta tkun bdiet l-iskola izda kien hemm xi problema u ma fthemux liema sezzjoni ta' Transport Malta kellha tibghat lil dawn l-ufficcjali.

Is-sur Charles Selvaggi qal li huwa tal-fehma u jixtieq jitkellem fuq il-fatt li s-sur Alex Sciberras gie apposta ghal-laqgha biex jivvota. Hawn kompla jghid li rcieva lmenti li l-Kunsill ma tax kaz tas-suggerimenti tar-residenti u staqsa jekk is-Sindku kelliex tivvota minhabba li toqghod fi Triq San Lwigi u jista' jkun hemm konflitt ta' interess, minkejja li huwa konvint li, s-Sindku hadmet b'mod genwin, biex ikun korret, qed jitlob lis-Segretarju Ezekuttiv biex jivverifika u jikkonferma jekk il-vot tas-Sindku huwiex validu biex filkaz il-vot jigi korret ghal 4 favur u 2 kontra.

Is-sur Emanuel Brincat qal li mhux minnu li l-Kunsill ma tax kaz tar-residenti u li saru bosta laqghat u suggerimenti u dawn twasslu lil Transport Malta izda ma kienux approvati u kienet l-istess Awtorita' li ssuggerit li ssir bi prova ghal xahar, liema prova bdiet mill-bierah u giet sospiza temporanjament minhabba li hadd ma ta kaz is-sinjali u l-ufficcjali mwieghda ma gewx fuq il-post jidderigu. Dan wassal biex wehel kollox fit-Triq il-Kuncizzjoni li deher fic-car kemm jghaddu karozzi minn hemm u li hafna minnhom mhux mill-Imsida. Il-Pulizija tat-traffiku kellu jitlaq minn fejn it-traffic lights biex ighin fis-sitwazzjoni u jaghti daqqa t'id lis-Segretarju Ezekuttiv li ha sogru biex titranga l-problema li nqalet.

Is-Sur Lino Bartolo qal li huwa ma jaqbilx ma li ghamel is-Segretarju Ezekuttiv ghax dan ma kienx xoghlu u jhoss li d-decizzjoni biex tigi sospiza temporanjament kienet mghagla ghax ma ghaddiex zmien bizzejjed biex din tindara.

Is-Sur Maurice Agius qal li fic-cirkustanzi kif svolgew, jifhem dak li prova jaghmel is-Segretarju Ezekuttiv biex jirranga s-sitwazzjoni u jaqbel li ha sogru kbir. Biss huwa ma jahsibx li s-Sindku, f'dan il-kaz, kellha xi kunflitt ta' interess u ma setghetx tivvota.<u kellha dritt tivvota>

Miżjuda:<u kellha dritt tivvota>

Is-Sinjura Romina Galea qalet li dan il-pjan fi Triq San Lwigi kien biex innehhu l-periklu u t-tbatija li qed jghaddu minnu r-residenti ta' Triq il-Kuncizzjoni u allura jekk se noqghodu nsemmu li kien hemm kunflitti ta' interess nistghu noqghodu nfittxu ghax ommha toqghod fit-Triq il-Kuncizzjoni.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ghalija personali, kif giet proposta l-One Way, ma kinietx se tiehu vantagg, anzi, kien iktar konvenjenti ghalija kieku Triq San Lwigi giet One Way il-fuq. Hawn kompliet tispjega li hija kienet qed tara l-interess tar-residenti fi Triq il-Kuncizzjoni li kulhadd jaqbel li ghandhom problema kbira minhabba l-ammont esagerat ta' karozzi li qed jghaddu minnha u giet qisa triq arterjali go sqaq. Id-decizzjoni biex il-pjan gie sospiz temporanjament saret minhabba l-problema li nqalghet u numru kbir ta' lmenti minn nies li mhux residenti Imsida li bghatu kemm lill-Kunsill u anke' lil Transport Malta u l-Ministeru. Hija ma taqbilx li r-residenti ta' Triq il-Kuncizzjoni jbatu ghal konvenjenza ta' nies minn barra l-Imsida u hemm bzonn insibu suggerimenti li jistghu jsolvu din il-problema ta' malajr. Ghalhekk, fuq dak li gara sa issa, reghet talbet lill-Transport Malta biex tghin tinstab soluzzjoni.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa min se jiddeciedi.

Is-Sindku wiegbet li l-andament jista' jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota tat-talba tas-Sur Charles Selvaggi u se jaghti twegiba fil-laqgha li jmiss.

61.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar permess mitlub ghall-bollards temporanji meta jkun gej container tal-Invicta. Dan gie pospost sakemm is-Segretarju jaghmel laqgha mas-Sur Dominik Vella ta' Transport Malta dwar kif jistghu jigu regolati l-bollards u U bars mad-dawra tal-Imsida u affarijiet ohra.

61.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ir-rapport fuq il-bandli. Il-laqgha saret fejn gie diskuss il-format ta' kif dan ghandu jigi prezentat biex jaghmilha aktar semplici biex jinftiehem minn min mhux tekniku.

61.4.11 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-tindif tal-fanali go Triq D'Argens.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li qed jara jistax iqabbad lill-kuntrattur ghax il-haddiema allokati mal-kunsill ma ghandhomx l-attrezzatura biex jaghmlu dan u li ma jistax isir fuq sellun.

61.4.12 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-problema tad-droga u jekk sarietx il-laqgha mal-pulizija. Hawn kompla jispjega li l-pulizija marru fuq wiehed li kien qed jabbuza u li rnexxielu jahrab minnhom.
Is-Sindku qalet li bghatet reminder izda ghada ma hadietx risposta.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn nitolbu biex issir laqgha mal-Assistent Kummissarju u jekk din ma tirrispondix fi zmien hmistax niktbu lill-Kummissarju.

Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u qal li se jitlob ghal-laqgha ufficcjali u meta jiehu risposta se jgharraf lill-kunsilliera kollha biex ikun jista' jigi diskuss numru ta' suggetti, inkluz in-nar u ohrajn msemmija f'laqghat precedenti.

Is-Sindku qalet li ghalkemm tixtieq tkun prezenti, jekk il-laqgha tissejjah sakemm tkun imsiefra, din ghandha ssir.

61.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar verifika tal-kuntratturi tal-hwienet u stabbilimenti biex titfassal ittra u tinghata lis-sidien ta' kull fejn hemm attivita' kummercjali li din tista' tkun parti mill-pakkett ghad-diskussjoni fl-Agenda L7_61 dwar kampanja edukattiva ghall-immanigjar tal-iskart.

61.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar certu hwienet irrapurtati li qed jikkapparaw fuq il-bankina u fit-triq fejn il-Kunsill talab lit-TM biex jaghmlu nfurzar u dawn marru fuq il-post it-Tnejn 31 ta' Lulju u hadu azzjoni. Minkejja dan, dawn ghadhom qed jaghmlu dawn l-abbuzi.

61.4.15 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-latrina.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li gew ordnati l-istikers bil-hinijiet tal-ftuh.

61.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar in-nies li qed jitilghu fuq il-kamra tal-pompi u qed joqghodu jaqbzu minn fuqha. Ghad irid isir kuntatt ma' haddied biex naraw x'hemm bzonn isir.

61.4.17 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-Bridge ta' Triq San Lwigi.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li bhal ma gharraf aktar qabel din ghanda tinghadda lill-Awtorita' tat-Toroq meta tigi fis-sehh.

61.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-hwienet go Triq John Borg u d'Argens li qed ihallu l-hmieg u l-iskart jingabar minhabba l-attivita' kummercjali. Is-Segretarju Ezekuttiv mar fuq il-post bosta drabi izda f'dak il-hin ma kien hemm xejn.

61.4.19 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-agenzija tat-toroq meta se tigi fis-sehh u dwar ir-rapport tal-perit fuq Triq is-Sarg.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li din ghada ma gietx iffurmata izda xorta beda jsir xi xoghol mill-Ministeru. Hawn kompliet tispjega li l-Kunsill gie infurmat li se jsir xoghol fuq Triq il-Wied u Xatt ta' Xbiex.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li wiegeb lill-Transport Malta u talab biex max-xoghol jigu rrangati l-culverts. Hawn kompla jispjega li ga beda jsir xi xoghol zghir u gie mgharraf li ghandu jibda lejn l-ahhar ta' Settembru.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li bghatet reminder lill-inginier biex jara meta se jiccekkjaw x'hemm bzonn isir.

61.4.20 Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk gietx il-garanzija tal-bankina mill-perit ta' Ta' Giuseppe biex jekk le niktbu bl-avukat.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma hadniex risposta u ktibna lill-perit u kkupjajna lill-MEPA.
Is-Sur Maurice Agius qal li ir-regola ghanda tkun ghal kulhadd l-istess u semma' r-rampa li saret fi Triq il-Bacir u staqsa minn min saret.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din wiegeb ghalija fis-seduta ta' qabel u li din ir-rampa jaf biha u kellha ssir biex min juza il-fond ikun jista' idahhal il-karozzin.

61.4.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar garaxx mhux uzat go Triq Antonio Sciortino biex isir parking bay.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li min jiehu hsieb qieghed imsiefer u fil-mument il-haddiema qed jiehdu ftit leave ukoll u qed jahdem b'wiehed biss minn tlieta ghax ghandhom bilanc x'jiehdu sa Settembru. Hawn kompla jispjega li ghalkemm johrog ta' spiss u jara x'hemm bzonn isir ma jistax ikun jaghmel il-hin kollu barra u jiccekkja li sar xoghol tajjeb. Biss la jidhlu l-haddiema lura dawn jaghmluha ghax ga hemm works order ghaliha.

Is-Sur Maurice Agius qal li jaf li bhalissa s-Segrettarju Ezekuttiv huwa mghobbi u offra li jekk ikun hemm bzonn ighidulu u hu lest li jmur jaghmel ftit hin mal-haddiema.

61.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar id-dawl go Triq Oscar Zammit li kien ghadu mitfi. Gemma Cassar ghamlet il-kuntatti necessarji mal-Junior College u l-Enemalta biex dawn jikkoordinaw bejniethom u tigi rrangata l-hsara.

61.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-bankina mal-binja ta' Triq Rue d'Argens ma' Antonio Bosio jidher car li dan huwa zvilupp bejn zewgt sidien u s-sid li ghandu l-permess ta' isfel huwa responsabbli ghall-bankina. Ghalhekk l-applikant li huwa s-sid tal-parti ta' fuq mhux marbut bl-ebda obbligu u garanzija.

61.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-bins mad-dawra tal-iskola li mhux qed jitbattlu kollha u li go Triq Xatt ta' Xbiex il-bins ikunu kollha bil-kaxxi tal-pizza li talab lill-Kuntrattur biex jiehu hsieb.

61.4.25 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument. Il-Perit Holge ghall-TM gie mitlub biex jara x'jista jsir.

61.4.26 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar korrispondenza 1201 fuq tindif go Triq Giuseppe Pulgiesevich.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li din it-triq kienet qed tinqabez minhabba li ghal xi raguni ma kienetx imnizzla fil-lista izda ittiehdet azzjoni mal-ewwel u t-triq saret.

61.4.27 Is-Sur Matthew Agius staqsa dwar korrispondenza 1160 dwar loading / Unloading bay go Triq il-Frangiskani.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li din kien hemm applikazzjoni li saret mill-Kunsil Lokali fl-2015 u din giet approvata issa minn TM. Skond l-ilment qed jigi rrapurtat li ghalkemm din hija communal u bil-hinijiet din qed tigi abbuzzata u kkapparata minn kumpanija li qed thalli l-vetturi taghha fuq il-bay il-hin kollu. Hawn kompla jispjega li hemm ilment fuq kumpanija ohra li tikri l-vetturi li hadet hafna mill-parkegg ta' Triq il-Frangiskani ghalhekk dan ir-rapport ghad irid jigi verifikat u jekk dan ikun minnu se jwassal dan lill-Transport Malta.

### 61.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

61.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai proponiet li minhabba il-problema dejjem tikber tal-abbuzi bl-iskart hemm bzonn li nahsbu dwar kampanja edukattiva gdida u li hemm bzonn naghmlu prova fuq tip ta’ infurzar li qed jigi offrut minn kumpanija tas-sigurta’. Hawn tat taghrif fid-dettal ta’ kif tahdem din il-kumpanija u qalet li l-Kunsill Lokali ga qed jaghmel prova u sa issa jidher li qed jinkisbu rizultati tajba.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li din il-kumpanija tibghat nies taghmel ghassa fuq post partikulari ghal numru ta' sieghat u jekk taqbad lil xi persuna taghmel abbuz din twaqqfu milli jaghmel hekk u taghti pakett bl-informazzjoni kollha ta x’hin u meta ghandu johrog il-boroz. Kopja tal-ligi u avviz li dan huwa warning u f’kaz li jerga jinqabad dan jigi rrapurtat lill-awtoritajiet biex jittiehdu l-passi kontrih.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk dawn jistghux iharrku.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li le izda dawn fejn possibli jitolbu d-dettalji tal-persuna biex tkun fir-rekord taghhom u li dan isir biex ikunu jafu jekk hux abbuz repettitiv u hemm iwasslu l-informazzjoni lill-Kunsill biex ikun jista’ jiehu passi.
Is-Sur Matthew Agius propona li naghtu tlett gimghat ta' prova f'zoni li hemm problema kbira u niddiskutu r-rizultat fis-seduta li jmiss.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ghandu jiltaqa’ mad-direttur ta’ din il-kumpanija u se jara kemm hu possibli jibdew mil-ewwel. Hawn kompla jispjega li hemm bzonn jigi deciz l-ammont ta' hin li dawn jaghmlu fuq il-post u f’liema hinijiet halli jkun hemm firxa. Jekk il-prova tahdem, din ghandha tigi kkunsidrata jekk jinharigx tender ghal dan it-tip ta' servizz ghax il-Kunsill irid jikkunsidra l-ispiza fuq perjodu itwal kemm tigi. Hawn kompla jispjega li din tista’ tkun parti minn kampanja edukattiva biex ninfurmaw lir-residenti minn kulturi differenti fuq kif suppost ghandhom jaghmlu flimkien ma’ numru iehor ta’ inizjattivi bhal:

Tabelli fit-toroq;
Re-Organizazzjoni u tisbieh fil-Bring in Sites b messag edukattiv u kameras ghall-infurzar;
Format ta’ fuljett gdid biex jitqassam fid-djar.

Dawn ghandhom kollha jigu diskussi f'laqgha li ghanda ssir fit-30 ta'Awwissu bejn il-Green Pak u s-Sindku Margaret Baldachino Cefai flimkien mas-Sur Maurice Agius u s-Segretarju Ezekuttiv.

61.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai proponiet biex jinfethu diskussjonijiet mal-Ministeru responsabbli ghat-turizmu bil-ghan li jsir progett ta' tisbieh go Xatt l-Imsida bhal ma sar Ta' Xbiex u l-Gzira.
Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament.

61.5.03 Is-Sur Maurice Agius talab biex tinzabar pjanta fi Triq Testaferrata hdejn in-Nissan.

Is-Sur Lino Bartolo ha nota.

61.5.04 Is-Sur Maurice Agius propona biex fil-gnien il-gdid isir apparat tal-Gym u ssuggerixa biex dan il-gnien jinghata isem.
Is-Sur Emanuel Brincat fakkar li f'seduta precedenti gie diskuss li hemm bzonn isir apparat tal-Gym fi Triq Victor Denaro.

61.5.05 Is-Sur Maurice Agius qal li l-Loading /Unloading bay ta' hdejn Jon David mhux qed tintuza kif suppost u qed tigi abbuzata.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li l-ewwel hemm bzonn naraw jekk hemmx permess ghal din il-Loading/Un loading ma' Transport Malta u se jistaqsi fil-laqgha li jmiss liema huma dawk approvati minn Transport Malta dawk li ma humiex approvati jridu jitnehhew.

61.5.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibli jsiru tabelli f'zoni residenzjali biex ma jsirx storbju u jinzamm il-kwiet bhal ma ghamlu go tas-Sliema.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u ha jara kif inhuma dawn it-tabelli.

61.5.07 Is-Sur Emanuel Brincat propona biex issir irhama biex jitnizzlu dawk kollha li hadu Gieh l-Imsida.
Is-Sur Lino Bartolo qal li numru biex tnizzel lil kulhadd li ha l-meritu fuq l-irhama huwa kbir wisq u din tigi spiza kbira. Fakkar ukoll li zmien ilu kien gie diskuss u deciz li naghmlu ritratti ghalkemm issa mhux possibli li jkun hemm ta' kulhadd.

Gie diskuss jekk jistax isir fuq perspex izda ma ttihdietx decizzjoni.

61.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat fakkar li ghad ma hemmx ir-ritratt tas-Sindku Margaret Baldachino Cefai mwahhal bhal tas-Sindki ta' qabel.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota.

61.5.09 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-fanal ta' Victor Denaro li ghadu kif kien u qal li hemm bzonn inkellmu lill-Avukat ha niehdu passi kontra l-kuntrattur.

Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jiddiskuti mal-avukat meta jiltaqa' maghha.

61.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li ser issir attivita' mill-Agenzija Appogg bil-partecipazzjoni tal-Kunsill Lokali Msida u numru ta' ghaqdiet raprezentanti ghall-komunitajiet barranin residenti f'Malta.
Minhabba li hija se tkun imsiefra talbet biex jekk possibli l-kunsilliera jattendu imqar ghal ftit tal-hin.

## 61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;

61.6.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li l-evalwazzjoni ghat-Tender tal-Bandli tas-Swatar se tigi konkluza fil-granet li gejjin.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

61.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-61 <dc 61 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-gurnata tat-28 ta' Awwissu 2017.

L-iskeda giet proposta mis-Sinjura Romina Galea u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**61.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

61.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 26 ta'Settembru 2017

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |